MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 57/2004

**Maltacom p.l.c. - C 22334**

**vs**

**A.T.C. Plastics Limited – C3156**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm4,096.25) rapprezentanti ammont dovut ghall-servizz telefoniku fuq numri telefonici 21248174 u 21244243 (AT7086/87) [skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A u Dok B] liema servizz gie nstallat fil-fond 30, Industrial Estate, Luqa u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa u mmarkata Dok C.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-Avviz ghas-smiegh u ta' l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-

imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-scojeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' Frar, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------